Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 1126/2010

**Topcar Limited**

**Vs**

**Robert Cardona**

21 ta' Ottubru, 2016.

1. L-attrici harrket lill-konvenut fit-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghas-somma ta' €724.19 ghall-hlas ta' kera ta' vettura, multi u citazzjonijiet li nhargu fir-rigward tal-vettura u konsum ta' fuel li thallas mill-attrici.

2. Il-konvenut wiegeb li, (a) l-azzjoni hi preskritta skond l-Artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili u (b) t-talbiet tal-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

3. B'sentenza tal-21 ta' Marzu 2013, it-Tribunal cahad l-ewwel eccezzjoni.

4. B'sentenza tal-24 ta' Gunju, 2015 it-Tribunal laqa' t-talba wara li osserva:

*"Illi jidher illi ma hemmx kontestazzjoni illi l-konvenut uza karozza tas-Socjeta` attrici minhabba l-fatt li kien vittma ta' hit and run. Illi ghall-ewwel is-Socjeta` attrici kienet ser issewwilu l-vettura imma mbaghad jidher li kien l-agent tal-BMW li sewwielu l-vettura. Illi jidher illi l-kontestazzjoni hija li l-vettura kienet mislufa lilu bhala pjacir u mhux kirja. Illi pero` li huwa stramb illi s-Socjeta` attrici kienet apparti li ssewwielu l-vetturi kienet ukoll tikrilu vettura xi haga li l-konvenut stess ammetta. Ghalhekk it-Tribunal ma jhossx illi huwa kredibbli li operazzjoni kummercjali thalli vettura minghajr hlas f'idejn terz anke jekk huwa habib u klijent regolari ghal tlett (3) gimghat - kif iddikjara ilkonvenut.*

*Konvenjentement il-konvenut ma jiftakarx il-kwistjoni ta' cekk li ma ssarrafx, lanqas li kien hemm citazzjoni mhux mhallasa. Illi pero` min-naha l-ohra ma gewx prezentati ebda invoice jew statement bhala prova ta' dak li gie ddikjarat. L-unika prova li ghandu quddiemu huwa x-xhieda ta' Sergio Camilleri fuq naha fuq in-naha ohra Robert Cardona u l-habib tieghu li kien mieghu dak inhar tal-incident. Robert Cardona kien vag ghal-ahhar u li l-unika kontestazzjoni hi li kien silifielu bhala habib u li pero` min-naha l-ohra ikkonferma li kera diversi vetturi pero` ma jafx b'liema rata u ma jiftakarx jekk qalghax citazzjoni u li ma jiftakarx li kellu dawn il-kontijiet. Fic-cirkostanzi pero`t-Tribunal ihoss illi l-pozizzjoni tas-Socjeta` attrici hija l-aktar kreddibli. Illi ghahekk it-Tribunal ihoss li ghandu jilqa' t-talba tas-Socjeta` attrici."*

5. Il-konvenut appella mis-sentenza tal-24 ta' Gunju, 2015. Il-konvenut isostni li:

*"7. Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti principalment fil-fatt illi l-ewwel qorti ma afferratx kif jixraq il-provi prodotti u konsegwentement ghamlet valutazzjoni kemm fattwali u kemm legali errata taghhom. Inoltre, l-qorti tal-ewwel grad wettqet apprezzament zbilancjat*

*tal-fatt kif lilha mressqa mill-partijiet u wkoll interpretat hazing certu aspetti tal-kawza. Mis-sentenza appellata li nghatat jidher li l-ewwel qorti sorvolat parti essenzjali mit-tezi tal-appellanti u cioe' li Robert Cardona ma kera l-ebda vettura u li d-direttur tas-socjeta appellata kien silifielu bhala habib."* (fol. 2).

6. L-attrici wiegbet fejn fl-ewwel lok eccepiet in-nullita tal-appell peress li l-aggravju tal-konvenut ma kienx wiehed mill-kazijiet li jissemmew fl-Artikolu 8(2) tal-Kap. 380 meta jista' jsir appell.

7. Il-qorti qrat l-atti.

8. Hu evidenti li l-appell tal-konvenut mhu xejn ghajr appell mill-apprezzament tal-provi li ghamel it-Tribunal. Minhabba l-ammont tat-talba, appell jista' jsir biss fil-kazijiet kontemplati fl-Artikolu 8(2) tal-Kap. 380. M'hemmx dubju li l-appell m'ghandu x'jaqsam xejn ma' kwistjoni dwar gurisidizzjoni tat-Tribunal, preskrizzjoni jew nuqqas ta' tharis tal-Artikolu 7(2) tal-istess ligi. Jista' wkoll isir appell:

   *"meta t-Tribunal ikun b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalita' u tal-ekwita' skont il-ligi u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella."* (paragrafu f).

   Mis-sentenza hu evidenti li t-Tribunal ikkunsidra l-provi li ressqet kull parti, u kkonkluda li l-verzjoni ta' Sergio Camilleri, rapprezentant tas-socjeta attrici, kienet iktar kredibbli. Paragrafu (f) m'huwiex jikkontempla appell dwar punt ta' fatt.

9. F'kull kaz, Robert Cardona jsostni li l-ebda hlas mhu dovut ghaliex l-attrici sellfitu vettura u mhux kritilu. Fis-seduta:

   i. Tal-11 ta' Novembru 2014 xehed: *"Jiena nista' nghid illi jiena kont offrejtlu flus ghal din il-karozza. Ftit wara tajtilu lura. Jiena kont offrejtlu xi erba' mija pero' hu ma ridhomx. Igifieri mbaghad eventwalment ircevejt kont ta' xi disa' mija."* (fol. 45).

   *ii.* Tat-23 ta' Marzu, 2015 xehed: *"Nghid illi jiena ridt naghtih somma ta' flus erba' mitt ewro, ma niftakarx l-ammont. Ridt intih xi haga ghaliex hu wara kollox sellifli l-karozza. Ma niftakarx kif wasalt ghal din is-somma."*

   M'huwiex verosimili li l-konvenut kien ser joffri somma flus lil Sergio Camilleri kieku verament inghata l-vettura b'self ghall-uzu. Hu minnu li l-konvenut ressaq bhala xhud lil Luke Piscopo li xehed li Sergio Camilleri kien qal lill-

konvenut li kien ser isellfu vettura[1]. Madankollu l-konvenut stess qatt ma xehed li Sergio Camilleri kien qallu li ser isellfu vettura biex ikollu biex jinqeda sakemm tissewwa l-vettura tieghu. Sahansitra, fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2014 xehed: *"Ma kienx hemm ftehim rigward din il-karozza li tani." (fol. 44)*. Inoltre, jibqa' 'l fatt li l-konvenut stess ammetta li kien offra somma flus lil Sergio Camilleri. Dan fih innifsu hu ndizju b'sahhtu li mhux veru li kien hemm ftehim ta' self.

10. Inoltre, waqt il-kontro-ezami l-konvenut wera stat ta' incertezza meta ghad-domandi li sarulu ripetutament wiegeb li ma jiftakarx. F'dan ir-rigward qal li ma jiftakarx :

- Kif wasal ghas-somma li offra li jhallas lil Sergio Camilleri;
- Li ta cekk lil Sergio Camilleri ghas-somma ta' €91 li ma ssarrafx;
- Kemm-il vettura kien kera minghand l-attrici;
- X'kienet ir-rata tal-hlas li kien jintalab ihallas bhala kera ghall-kiri ta' vetturi;
- Kienx inghata citazzjonijiet ghal *traffic offences*;

Sahansitra fis-seduta tal-11 ta' Novembru, 2014 xehed: *"Iva jista' jkun li krieli karozzi.* ***Ma nafx****. Jiena nikri diversi karozzi."* (fol. 45). Ghalhekk f'seduta qal li ma jafx jekk kriex vetturi minghand Camilleri, u f'seduta sussegwenti qal: *"Iva nista' nikkonferma li jiena krejt diversi vetturi."* (fol. 53). F'dan ix-xenarju ta' incertezza u nkonsistenza, il-konvenut ma jistax jippretendi li t-Tribunal kellu jemmen il-verzjoni li l-vettura nghatat lilu b'self ghall-uzu.

11. It-Tribunal kellu zewg verzjonijiet u kellu jiddeciedi liema wahda minnhom kienet l-aktar kredibbli. Il-konvenut jsostni li hi gurisprudenza stabbilita li fejn zewg verzjonijiet huma opposti ghal xulxin u jkunu plawsibbli, dan ghandu jiffavorixxi lill-konvenut. Pero' f'dan il-kaz il-verzjoni tal-konvenut m'hijiex verosimili u t-Tribunal kien gustifikat li jiskartaha. Min-naha l-ohra 'l fatt li l-attur ma pprezentax dokumenti ma jfissirx li ma kellux jemnu jew li l-verzjoni tal-konvenut kienet il-verita. L-attur xehed darbtejn, u kien konsistenti. Ma kienx hemm raguni ghalfejn it-Tribunal ma kellux jemnu. Min-naha l-ohra f'dak li xehed il-konvenut hemm wisq nuqqasijiet u ghalhekk it-Tribunal kien gustifikat li ma jemnux.

12. Fir-rikors tal-appell saret ukoll riferenza ghall-principju tal-ekwita, li fil-fehma tal-qorti hu rrilevanti. It-Tribunal kellu zewg verzjonijiet, u kellu jiddeciedi liema verzjoni kienet l-iktar wahda kredibbli. It-Tribunal emmen lil Sergio Camilleri. Konkluzjoni li hi gustifikata.

[1] Jirrizulta li l-konvenut kien vittma ta' *hit and run* fuq il-vettura tieghu waqt li kien ipparkjata.

**Ghal dawn il-motivi:**

i. **Tilqa' l-eccezzjoni preliminari tas-socjeta attrici u tiddikjara li l-appell hu null, bl-ispejjez kontra l-appellant**.
ii. **F'kull kaz tiddikjara li l-aggravju tal-konvenut hu ghal kollox nfondat.**

**Spejjez a karigu tal-konvenut. Peress li tqies li l-appell hu fieragh, tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur l-ispejjez ghal darbtejn.**

Anthony Ellul.